REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 244/2013

tad-19 ta' Marzu 2013

li jemenda l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' fosfat tat-trikalċju (E 341 (iii)) fi preparazzjonijiet tan-nutrijenti maħsuba għall-użu f'ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3), u l-Artikolu 30(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel, l-enżimi tal-ikel, l-aromatizzanti, in-nutrijenti u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Din il-lista tista' tiġi emendata bil-proċedura msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]).

(3) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista ta' addittivi tal-ikel tal-Unjoni tista' tiġi aġġornata jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.

(4) Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-fosfat tat-trikalċju (E 341 (iii)) bħala aġent kontra t-tagħqid miżjud ma' preparazzjonijiet tan-nutrijenti maħsub biex jintuża fil-*formulae* tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment kif definiti bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar *formulae* tat-trabi u *formulae* tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE ([3]) ġiet ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2009 u saret disponibbli lill-Istati Membri.

(5) L-applikazzjoni tikkonċerna entrata ġdida fit-Taqsima B tal-Parti 5 tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Il-ħtieġa teknoloġika tal-fosfat tat-trikalċju (E 341 (iii)) bħala addittiv fl-ikel tirrigwarda l-kapaċità tiegħu li jipprovdi proprjetajiet uniċi bħala aġent li jipprevjeni t-tagħqid fit-taħlitiet fil-forma ta' trab. Il-prodott jista' jieħu sa 10 % tal-piż tiegħu stess ta' umdità (umdità) mill-ambjent biex jevita li t-taħlita tagħqad f'biċċiet u biex il-preparazzjonijiet jinżammu f'konsistenza adegwata mingħajr tgħaqqid żejjed, li huwa kkunsidrat ta' benefiċċju għall-konsumatur.

(6) Il-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel avża dwar is-sikurezza tal-fosfat tat-trikalċju (E 341 (iii)) bħala addittiv tal-ikel fi preparazzjonijiet tan-nutrijenti maħsub biex jintuża fil-*formulae* tat-trabi u l-*formulae* tal-prosegwiment u esprimiet l-opinjoni tagħha fis-7 ta' Ġunju 1996 ([4]), li tikkonkludi li l-użu tiegħu huwa aċċettabbli sakemm il-livelli totali tal-kalċju, il-fosforu u l-proporzjon bejniethom ma jinqabżux.

(7) Imluħ tal-kalċju tal-aċidu ortofosforiku, inkluż il-fosfat tat-trikalċju, huma sustanzi minerali li huma awtorizzati għall-użu f'*formulae* tat-trabi u *formulae* tal-prosegwiment skont l-Anness III mad-Direttiva 2006/141/KE. L-awtorizzazzjoni tal-użu tal-fosfat tat-trikalċju (E 341 (iii)) bħala aġent kontra t-tagħqid fi preparazzjonijiet tan-nutrijenti maħsub biex jintuża fil-*formulae* tat-trabi u l-*formulae* tal-prosegwiment għalhekk mhux qed jiġi kkunsidrat ta' ħassib għas-sigurtà, sakemm l-ammonti totali ta' kalċju u fosfru jibqgħu fil-limiti għal dawn iż-żewġ minerali u fil-proporzjon kalċju:fosfru kif stabbilit f'dik id-Direttiva.

(8) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel biex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħlief meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni li jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem.

(9) Billi l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-fosfat tat-trikalċju (E 341 (iii)) bħala aġent kontra t-tagħqid fi preparazzjonijiet tan-nutrijenti maħsub biex jintuża fil-*formulae* tat-trabi u l-*formulae* tal-prosegwiment għandha tikkonforma mal-limitu għal kalċju, fosfru u l-proporzjon kalċju:fosfru stabbilit fid-Direttiva 2006/141/KE, l-aġġornament ta' dik il-lista x'aktarx li ma jħallix effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Għal dik ir-raġuni, mhuwiex neċessarju li titfittex l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1.
([4]) Reports of the Scientific Committee for Food, Fortieth series, 1997.

(10) Għalhekk huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-użu tal-fosfat tat-trikalċju (E 341 (iii)) bħala aġent kontra t-tagħqid f'preparazzjonijiet tan-nutrijenti maħsub biex jintuża fil-*formulae* tat-trabi u l-*formulae* tal-prosegwiment.

(11) Konsegwentement, l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Fit-Taqsima B tal-Parti 5 tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, l-annotazzjoni dwar l-additttiv tal-ikel E 341(iii) huwa mibdul b' dan li ġej:

"E 341(iii)	Fosfat tat-trikalċju	Trasferiment massimu 150 mg/kg bħala P_2O_5 u fil-limitu għal kalċju, fosfru u l-proporzjon kalċju:fosfru kif stabbilit fid-Direttiva 2006/141/KE	In-nutrijenti kollha	*Formulae* tat-trabi u *formulae* ta' prosegwiment, kif definiti fid-Direttiva 2006/141/KE
		Il-livell massimu ta' 1 000 mg/kg espress bħala P_2O_5 mill-użi kollha fl-ikel finali msemmija fil-punt 13.1.3 tal-Parti E tal-Anness II huwa rispettat	In-nutrijenti kollha	Ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit bid-Direttiva 2006/125/KE"